MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 41/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Martin Sammut)**
**Vs**
**Stephen Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta’ Dicembru, 2007, ghall-habta ta’ l-11.00 a.m., gewwa Triq il-Buganville c/w Triq id-Dalja, Swieqi,
1. bhala persuna li kellu kelb taht il-kontroll tieghu, halla lil dak il-kelb jiggerra fil-post imsemmi minghajr cinga;
2. ippermetta lill-kelb tieghu jaghmel feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Neville Camilleri, hekk kif iccertifika Dr. E. Farrugia mill-Gzira Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 14(1) tal-Kapitolu 312, sabet lill-appellant hati

taz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti fil-kontront tieghu w ikkundannatu ghal ammenda ta’ €11.65 u, in vista ta’ l-aggressivita’ tal-kelb de quo, ordnat ukoll id-distruzzjoni tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellate w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi u fl-eventwalita’ li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sejbien ta’ htija, l-appellant jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern ossia li ma tigix ordnata d-distruzzjoni tal-kelba Kimba.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- l. li mhuwiex minnu li l-kelba gidmet lill-allegat vittma; 2. Li ma ntlahahaqx l-oneru tal-prova mitlub mill-prosekuzzjoni bil-ligi; 3. Li l-ordni ghad-distruzzjoni tal-kelb ma tistax tidhol fis-sehh peress li hemm Att iehor specjali Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali w cioe' l-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta li, fl-artikoli 11 u 12 jghid li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti biex jispecfika kazijiet li fihom ikun permess li annimali jinqatlu w l-mod kif il-qatla ghandha ssir, min joqtol u l-apparat li jrid jintuza, kif ukjoll dwar il-metodi li l-annimali jigu mitlufa minn sensihom sal-qatla. Ma jirrizultax li dawn ir-regolamenti saru. Ghaldaqstant jezisti konflitt car bejn il-ligi l-antika w cioe' l-Kapitolu 312 u l-Kapitolu 439 u din tal-ahhar, ghandha, bhala ligi specjali, tipprevali fir-rigward tad-distruzzjoni w, la ma hemm ebda regolament, il-kelba ma tistax jigi distrutta. 4. Li, bla pregudizzju, l-piena ghad-distruzzjoni tal-kelb hija wahda eccessiva anki in vista tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda tal-postman **Neville Camilleri** jirrizulta li fil-31 ta' Dicembru, 2007, waqt li hu kien fuq xogholu f' Victoria Gardens, u kif kiser ghal Triq id-Dalja bil-mutur, giet tigri kelba kbira sewda qiesha Alsatian ghal fuqu f' nofs it-triq fejn hemm bini maz-zewg nahat. Hu pprova jinzel minn fuq il-mutur u kif nizel din il-kelba hatfitlu l-pexxun darbtejn. Umbaghad hareg sidha ghaliha, u qabadha w baqa' sejjer bla ma skuza ruhu. Hu baqa' sejjer il-polyclinic tal-Mosta dak il-hin stess jiddewwa w ghamel certifikat. Cahad li l-appellant kien offra li jiehdu l-polyclinic dak il-hin stess. L-ghalqa ma kienetx imdawwra b' cint u hu ma jafx li l-kelba kienet fl-ghalqa, ghax kieku ma kienetx tilhqu bhal ma lahqitu. Fil-prezent il-feriti fiequ u ghandu biss xi marki hfief fuq saqajh.

**L-appellant** xehed li dak in-nhar kien afda l-kelba f' ghalqa li qeghdha vicin fejn joqghod hu . X' hin il-kelba semghet il-mutur din harget mill-ghalqa w sakemm hu hatafha l-postman qed jghid li gidmitu. Beda jipprofitta ruhu u jghid : "Jien ma nahdimx izjed hawn." Hu wiegbu li dik kienet problema tieghu. Meta staqsieh biex jara l-gidma l-postman gholla l-qalziet u dan ma kienx imqatta w hu ma rax feriti dak il-hin. Hu staqsa lill-postman jekk riedx li jiehdu il-polyclinic jew ghand tabib u hu rrisponda li le. Il-kelba addottata u kienet ilha ghandu ftit zmien w hi ta' bintu li ghandha tnax il-sena. Il-kelba mhux aggressiva w ghandu ritratt taghha mat-tfal. Hu ta l-kelma tieghu li din ma tergax tigri w talab li l-kelba tinghata cans iehor.

Il-Qorti ikkonstatat *de visu* waqt l-udjenza li Camilleri kellu xi marki hfief fuq saqajh.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti hija konvinta sal-grad tac-certezza morali li kienet proprju l-kelba tal-appellant li gidmet lil Postman Neville Camilleri fid-data, post u hin indikat fl-imputazzjoni,

waqt li l-kelba kienet qed tiggerra f' nofs it-triq u li kkagunatlu l-offiza ta' natura hafifa li rriskontra Dr. E. Farrugia M.D. Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti w jirrazentaw il-fieragh, konsidrata kemm ix-xiehda tal-istess appellant quddiem din il-Qorti w l-fatti fil-qosor minnu relatati fir-rikors tal-appell.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda dak li hu jsejjah bhala konflitt bejn ligijiet specjali dwar il-qtil ta' klieb perikoluzi. L-appellant jissottometti li l-ordni ta' distruzzjoni tal-kelb ma tistax tidhol fis-sehh peress li hemm Att iehor specjali Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap.439) li, fl-artikolu 11 u 12, jghid li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti biex jispecifika l-kazijiet li fihom ikun permess li annimali jinqatlu w l-mod kif il-qatla ghandha ssir, min joqtol, u l-apparat li jrid jintuza, kif ukoll dwar il-metodi li annimali jigu mitlufa minn sensihom sal-qatla. Ma jirrizultax li dawn ir-regolamenti saru. Li allura jezisti konflitt car bejn il–ligi l-antika w cioe' l-Att dwar il-Klieb – 1985 u l-Kap.439 u din ta' l-ahhar, bhala ligi specjali, ghandha tipprevali fir-rigward tad-distruzzjoni w la ma hemm ebda regolament, il-kelba ma tistax jigi distrutta.

Ikkonsidrat;

Illi hu minnu li l-artikoli 11 u 12 tal-Kap.349 jaghtu l-fakolta' lill-Ministru responsabbli ghas-Servizzi Veterinarji li jaghmel regolamenti biex jispecifika l-kazijiet li fihom ikun permess li annimali jinqatlu, il-mod kif dik il-qatla ghandha ssir, il-mod kif u l-persuna li minnha l-annimal ghandu jigi maqtul u biex jippreskrivi l-facilitajiet u l-apparat ta' biccerija w biex jigu regolati l-metodi kif annimali jigu mitlufa minn sensihom sal-qatla, pero' dan hu poter fakoltattiv u mhux wiehed mandatorju w ma jfisser bl-ebda mod li sakemm isiru w jidhlu fis-sehh xi regolamenti simili, ma jistghux jinqatlu annimali.

Di fatti, l-istess ligi principali gja tipprovdi fl-artikolu immedjetament li jsegwi dawn iz-zewg artikoli, u cioe' l-artikolu 13(1), li veterinarju biss jew persuna ohra kompetenti tista' toqtol annimal ta' razza domestika jew li jappartjeni ghal razza selvaggja izda li jkun domestikat,

minnbarra annimali mizmuma ghall-produzzjoni tal-ikel. Umbaghad l-istess ligi fis-subartikolu (2) sa (5) proprju telenka l-metodi li jistghu jigu wzati w dawk li huma projbiti fil-qatla tal-annimali.

Ghalhekk il-qatla diga' tinstab regolata fil-ligi principali b' mod komprensiv u dettaljat u l-fatt li ma sarux regolamenti - jekk stess dan hu l-kaz - ma jfissirx li l-qatla li tippermetti l-ligi bl-artikolu 13 ma tistax issir.

Lanqas ma hi korretta s-sottomissjoni tal-appellant li hemm konflitt bejn il-Kap.312 u l-Kap.439. Il-pozizzjoni legali korretta hi li dawn iz-zewg ligijiet iridu jinqraw flimkien u l-qatla ta' kelb perikoluz ordnata minn xi Qorti in forza tal-Kap.312 , trid issir mill-persuna jew persuni w bil-mod preskritt fl-artikolu 13 tal-Kap.439 , xejn izjed u xejn inqas.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi l-artikolu 14 tal-Kap.312 l-Att dwar il-Klieb jiddisponi li :

*"(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu ghan-nies, jonqos li jzomm il-kelb taht kontroll, dan ikun hati ta' reat u jehel meta jinstab hati, ammenda ta' hames liri u l-Qorti ghandha tordna lill-Pulizija li tiddistruggi l-kelb ghas-spejjez ta' sidu jew ta' detentur tieghu minkejja li l-kelb jsta' jkollu sid jew detentur gdid.*
*"(2) Ma jkunx mehtieg ghall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluz biex il-Qorti tordna li jigi distrutt il-kelb, kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.*
*…………..*
*"(4) Kelb li jkun gidem jew habat ghal xi persuna jitqies li hu perikoluz, kemm il-darba ma jigix pruvat il-kuntrarju."*

Ghalhekk fuq il-bazi tar-rizultanzi l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li tordna d-distruzzjoni tal-kelb.

B' dana kollu, din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tara li jkun aktar xieraq li tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelba w - kif ghamlet fl-Appell

Kriminali "**Il-Pulizija vs. Sergio Farrugia"** [19.10.2006] - ser tordna li l-kelba tinzamm ghal dejjem u sakemm tmut fil-kennel ta' Alfred Fenech go AAA Sanctuary, Valletta Road, Luqa jew f' xi santwarju iehor amministrat minnu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w fejn ikkundannatu ghal ammenda ta' hdax l-Ewro u hamsa w sittin centezmu (E11.65c) u tirrevokaha fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelba w minnflok tordna li l-kelba tinzamm, a spejjez tal-appellant, ghal dejjem sakemm tmut fil-kennel ta' Alfred Fenech go AAA Sanctuary, Valletta Road , Luqa, jew f' xi santwarju iehor tal-klieb li jkun jaqa' taht il-kontroll tal-istess Fenech, jew okkorrendo jekk dan mhux possibbli f' xi santwarju iehor, kif ordnat eventwalment minn din il-Qorti, b' dana li taht ebda cirkostanza ma ghandha tigi ritornata, konsenjata jew rilaxxjata lil u/jew fil-pussess tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------